# LECTIO DIVINA

# III ĦADD TAL-GĦID (SENA A)

**Lq 24:13-35**

**Dak in-nhar stess [fl-ewwel jum tal-ġimgħa], ġara li tnejn minnhom [mid-dixxipli] kienu sejrin lejn raħal jismu Għemmaws, xi sittin stadju bogħod minn Ġerusalemm, jitħaddtu bejniethom fuq kull ma kien ġara.**

Iż-żewġ persuni li jagħtu daharhom lil Ġerusalemm, f'direzzjoni opposta għal dik li kien ħa l-Imgħallem tagħhom (cfr Lq 9:51), jagħmlu parti mid-«dixxipli» li kien daqu ħafna sorpriżi fil-mixja tagħhom wara Ġesù ta' Nazaret (kienu jieklu u jixorbu mal-pubblikani u l-midinbin – Lq 5:30; kienu differenti mid-dixxipli ta' Ġwanni l-Għammiedi li kienu jsumu u jitolbu – Lq 5:33; saħansitra jaqtgħu s-sbul fil-jum tas-Sibt – Lq 6:1; kienu semgħu l-hena paradossali tal-fqir, ta' min hu bil-ġuħ, ta' min jibki, ta' min ikun ippersegwitat minħabba Bin il-bniedem – Lq 6:20-23; raw il-qawmien mill-mewt tat-tifel tal-armla ta' Najn – Lq 7:11; kienu xhieda ta' meta Ġesù tema' ħamest elef raġel b'ħames ħobżiet u żewġ ħutiet – Lq 9:10-17; forsi kienu fost dawk is-72 dixxiplu li Ġesù kien bagħathom jevanġelizzaw – Lq 10:1-12.17-24; kienu semgħu ħafna mill-parabboli u t-twissijiet ta' Ġesù, fost l-oħrajn li Bin il-bniedem kellu jkun mogħti f'idejn il-bnedmin u li biex wieħed jidħol fis-Saltna ta' Alla jrid isir bħal tifel ċkejken – Lq 9:44-45; 18:17; kienu fost dawk li għajtu bil-ferħ u faħħru lis-«Sultan li ġej f'isem il-Mulej» dieħel fil-Belt Imqaddsa – Lq 19:38-39). Minkejja dawn l-esperjenzi kollha qrib Ġesù, xħin jersaq lejhom Hu nnifsu «kellhom xi jżommhom u ma setgħux jagħrfuh». Minkejja li l-mixja wara l-Imgħallem kienet dewqitilhom bosta "sorpriżi" u kissret diversi skemi ta' kif il-bniedem iħares lejn Alla, lejn il-Liġi, lejn il-proxxmu, lejh innifsu, xorta ma jistgħux jegħlbu l-iskandlu tas-Salib (cfr 1Kor 1:23). Filwaqt li Lq jgħidilna li dawn it-tnejn kienu sejrin lejn Għemmaws, Mk jitkellem minn «tnejn minnhom huma u sejrin bil-mixi lejn ir-raba'» (Mk 16:12), b'direzzjoni opposta għal «Xmun minn Ċireni, missier Xandru u Rufu, ġej lura mir-raba'» li «ġagħluh jerfagħlu s-salib» (Mk 15:21). Fid-dawl tal-parabbola tal-pranzu (Lq 14:15-24), ir-raba' tista' tidher dak il-post tal-mistieden imbiegħed mill-festa tat-tieġ – il-bniedem jista' jagħżel li jibqa' fejn hu biex jara l-għalqa tiegħu, jipprova l-ħames żwieġ barrin, jew inkella jista' jilqa' l-istedina u jmur għall-festa. Imma li tilqa' l-istedina jfisser tilqa' l-verità ta' Kristu, Imsallab u Irxoxt.

**Huma u jitħaddtu u jitkixxfu bejniethom, Ġesù nnifsu resaq lejhom u baqa' miexi magħhom... U hu qalilhom: «X'intom tgħidu bejnietkom intom u miexja?» U huma waqfu, b'ħarsa ta' niket fuq wiċċhom.**

Id-dixxipli jitkellmu, u dan jagħmluh huma u miexja: il-«kelma» u t-«triq» huma temi importanti fl-opra tal-evanġelista Lq. Infatti matul il-vjaġġ il-kbir (Lq 9:51-19:27) Ġesù huwa u miexi jgħallem u jxandar il-Bxara t-Tajba. Ġesù li kien jagħraf il-ħsibijiet mistura tal-bniedem (cfr Lq 5:22), xorta jistieden lid-dixxipli sabiex jirrakkontaw dak li qegħdin «jitħaddtu u jitkixxfu bejniethom». Id-djalogu tagħhom huwa wieħed li ma jagħtihomx ħlief «niket» li hija frott tad-delużjoni li jagħtihom Ġesù ta' Nazaret li kienu jittamaw «li hu kellu jifdi lil Israel». Huma t-tnejn jafu l-fatti, dak li ġara, imma ma jistgħux jinterpretawhom – jixbhu xi ftit lil dawk li «għandhom għajnejn u ma jarawx» (S 115:5). Infatti, huwa minnu li «l-ebda profezija tal-Iskrittura ma għandu ħadd ifissirha minn rasu» (2Pt 1:20) u r-riskju jkun li d-dixxiplu minflok iħabbar il-Verità jsir bħall-profeti li jitkellem minnhom Ġeremija: «Riħ huma l-profeti, kelma fihom m'hemmx.» (Ġer 5:13). Ġesù li jħobb lil dawk kollha li tah il-Missier u li għalihom ta ħajtu (cfr Ġw 17:6-19), b'fedeltà lejn il-wegħda tiegħu li «fejn tnejn jew tlieta jkunu miġbura f'ismi hemm inkun jien f'nofshom» (Mk 18:20), ma jħallix fin-niket lil dawk li jinsabu miexja fid-dlam tar-reżistenza biex jemmnu l-«ħaġa tal-għaġeb» (S 118:23) tal-qawmien mill-imwiet li xi anġli kienu ħabbru lin-nisa li kienu mad-dixixpli. Il-moħħ li jrid jirranġuna, jikkontrolla – jixbah l-atteġġjament ta' Pietru fil-ħasil tar-riġlejn (cfr Ġw 13:6-7) – irid jinfetaħ għal dak il-"ġdid" li jwettaq il-Mulej bis-saħħa tiegħu (cfr Apok 21:5). Għalhekk id-djalogu "magħluq" taż-żewġ dixxipli jrid jinfetaħ għall-«aħjar sehem» (Lq 10:42) li tieqaf u int u tisma' lilek innifsek tinfetaħ biex tisma' l-Kelma u tilqagħha «b'qalb tajba u sinċiera, jgħożżuha, u jagħmlu l-frott billi jżommu sħiħ» (Lq 8:15). Tabilħaqq, il-Mulej li jidher bħala «l-barrani f'Ġerusalemm» [gr. παροικέω, tr. «paroikéō»] huwa fil-fatt dak li kapaċi jfiehem il-ġrajjiet li seħħew f'Ġerusalemm – min hu ċert li jaf ikun fir-riksju li jsir «barrani» għalih innifsu, għat-twemmin li jistqarr, għall-identità/missjoni tiegħu ta' dixxiplu.

**Qalilhom Ġesù: «Kemm intom boloh u tqal biex temmnu kulma qalu l-profeti! U ma kellux il-Messija jbati dan kollu u hekk jidħol fil-glorja tiegħu?» U beda minn Mosè u l-profeti kollha jfissrilhom kulma kien hemm fl-Iskrittura fuqu.**

Id-diffikultà tad-dixxipli tinsab fil-qalb – qalbhom hija tqila/mudlama biex tifhem [gr. «βραδεῖς τῇ καρδίᾳ», tr. bradeis te kardia]. Iżda «qrib il-Mulej lejn dawk b'qalbhom maqsuma, jgħin lil dawk b'ruħhom mifnija» (S 34:19). Il-qalb tfieq permezz tad-duwa tal-Kelma ta' Alla li tagħha

Kristu Ġesù huwa l-eseġeta per eċċellenza – anzi Hu nnifsu l-Kelma! Il-qalb trid tinfetaħ għall-pjan/ħsieb ta' Alla li kien meħtieġ [gr. δεῖ tr.deî] li l-«Messija» jmut għall-maħfra tad-dnubiet (cfr Atti 10:43; 17:3; 1Kor 15:3-4; Lhud 9:22-23). Huwa fid-dawl tat-tbatija, passjoni, mewt u qawmien tal-Imgħallem li d-dixxiplu jagħraf l-identità tiegħu bħala dak li jxandar lil «Kristu Msallab»: "Meta nimxu bla Salib, meta nibnu bla Salib, u meta nistqarru lil Kristu bla Salib, m'aħniex dixxipli tal-Mulej: aħna tad-dinja, aħna Isqfijiet, aħna Qassisin, aħna Kardinali, aħna Papiet, imma mhux dixxipli tal-Mulej." (Papa Franġisku, Omelija 14 Mar 2013).

**Meta qorbu lejn ir-raħal fejn kienu sejrin hu għamel tabirruħu li kien sa jibqa' sejjer aktar 'il bogħod. Iżda huma ġegħluh jibqa' magħhom u qalulu: «Ibqa' magħna, għax issa sar ħafna ħin u l-jum ġa wasal biex jintemm.» Imbagħad daħal biex joqgħod magħhom.**
Ġesù ma jimponix ruħu – hu mhuwiex il-«ħalliel jew brigant» (cfr Ġw 10:1; Lq 11:24-26) li jidħol fil-qalb bil-moħbi imma huwa l-«mistieden» li jidħol fil-qalb li tixtiequ (cfr Apok 3:20). L-atteġġjament tad-dixxiplu għandu jkun li kontinwament jitlob bil-ħrara lil Mulej sabiex jiġi u jibqa' miegħU (cfr Ġen 19:2; 32:26; 42:7; Ġw 4:40).

**U waqt li kien fuq il-mejda magħhom, qabad il-ħobż, qal il-barka, qasmu u tahulhom. Imbagħad infetħulhom għajnejhom u għarfuh, iżda hu għab minn quddiemhom.**
Id-dixxipli jagħrfu lil Ġesù li «fuq il-medja» jidher familjari għalihom bħala dak li jingħata fil-qsim tal-ħobż (cfr Lq 9:16; 22:19; Mt 14:19; 15:36; 26:26; Mk 6:41; 8:6; 14:22; Atti 27:35). Huwa dak Ġesù li jingħata lil kulħadd u li jgħallem lid-dixxipli jitolbu ta' kuljum lil Missier il-ħobż (cfr Lq 11:3). Fil-ħobż maqsum u mogħti d-dixxipli mhux biss jagħrfu lil Ġesù imma wkoll jilqgħu l-preżenza sagramentali tiegħu fil-komunità ta' dawk li jemmnu fiH. Infatti hawn Lq juża «tahulhom» fl-imperfett attiv li jfisser azzjoni li tkompli fiż-żmien – il-Mulej Ġesù jibqa' jidħol u joqgħod fuq il-mejda mad-dixxipli ta' kull żmien. "Meta l-laqgħa [ma' Kristu] ssir sħiħa, fid-dawl tal-Kelma tidħol dik li toħroġ mill-«Ħobż tal-Ħajja», li permezz tagħha Kristu jwettaq b'mod sħiħ il-wegħda tiegħu li «jibqa' magħna għal dejjem sal-aħħar taż-żmien» (cfr Mt 28:20)." (Ġwanni Pawlu II, Ittra Appostolika Mane nobiscum Domine, 7 Ott 2004, 2). Id-dixxiplu jagħraf lil Ġesù meta jilqa' l-għotja Tiegħu nnifsu lilu (lid-dixxiplu) fil-Kelma msejsa fuq ix-xhieda tal-Appostli tal-qawmien mill-imwiet (cfr Atti 10:42) u fis-Sagramenti, ibda mill-Ewkaristija li hija "l-għajn u l-quċċata tal-ħajja Nisranija kollha" (Lumen gentium 11). Minbarra dan, il-qsim tal-ħobż isir il-mod kif id-dixxiplu jgħix il-fidi tiegħu f'Ġesù: "Il-

mod kif aħna naħsbu jaqbel mal-Ewkaristija, u min-naħa tagħha l-Ewkaristija taqbel mal-mod kif aħna naħsbu." (S. Irinew ta' Lyon, Ad. Haereses 4,18,5)

**U wieħed lill-ieħor bdew jgħidu: «Ma kinitx imkebbsa qalbna ġewwa fina huwa u jkellimna fit-triq u jfissrilna l-Iskrittura?»**

Jekk «il-ħlewwa ta' ħabib hena tar-ruħ» (Prov 27:9), kemm aktar Kristu, il-ħabib-Akkampanjatur (it. Viandante) u Messija veru ta' kull bniedem – il-Kelma li ssir Ħobż li jittiekel – jimla l-qalb imnikkta bil-ferħ: «jien sibt kliemek, u kiltu; u kelmtek saritli l-ferħ u l-hena ta' qalbi» (Ġer 15:16); «Tħeġġet qalbi ġewwa fija; għall-ħsieb biss, nar tkebbes fija. Nħall imbagħad ilsieni...» (S 39:4). Frott il-laqgħa tagħhom mal-Irxoxt, kliemhom m'għadux thewdin fuq dak li ġara imma jsir aħbar li qalb imkebbsa (u mhux aktar tqila u mudlama) ma tiflaħx ma xxandarhiex malajr «dak il-ħin stess qamu u reġgħu lura Ġerusalemm» (cfr S 19:5-6). Huwa Ġesù Rxoxt li jagħti lid-dixxiplu mnikket, konfuż, u miexi 'l bogħod, l-hena, id-dawl u d-direzzjoni tiegħu. Id-dixxiplu jagħmel din l-esperjenza kemm-il darba jħalli lill-Irxoxt "jiftaħlu" [gr. διανοίγω tr. dianoígō] l-Iskrittura – huwa jiftaħ billi jċarrat il-velu li ma jħalliniex nifhmu l-Iskrittura (cfr Lq 23:45; 2Kor 3:12-18; Lhud 6:19-20); billi jitfaħ il-ġuf tan-nixxigħat tas-Salvazzjoni bħala l-ewwel fost dawk li raqdu u ħarġu rebbieħa fuq il-mewt (cfr 1Kor 15:20); billi jiftaħ l-għajnejn u l-widnejn sabiex il-bniedem jara u jisma' (cfr Lq 10:24); u jkeċċi l-ħsibijiet mudlama u jiftaħ il-qalb tal-bniedem għall-għatx veru, li huwa Alla (cfr S 42:3). Hekk il-ħajja tad-dixxiplu ssir missjoni li twassal dik l-Aħbar li kapaċi tagħmel id-differenza fil-ħajja tal-bnedmin u tad-dinja, dik li ż-żewġ dixxipli jisimgħu mingħand il-Ħdax: «Il-Mulej qam tassew, u deher lil Xmun», u li huma t-tnejn jilqgħu bix-xhieda ta' ħajjithom: U huma wkoll tarrfulhom x'kien ġralhom fit-triq, u kif kienu għarfuh fil-qsim tal-ħobż.

**Għar-riflessjoni**

Xi jfisser li l-Mulej jiftħilhom l-Iskrittura? Huwa li tqiegħed uħud mill-ġrajjiet tas-salvazzjoni – li d-dixixpli ħadu sehem fihom mingħajr ma fehmu s-sens tagħhom – fil-kwadru ġenerali tal-istorja tas-salvazzjoni li tiċċara s-sens ta' dawn il-ġrajjiet [...] Fl-Iskrittura, għalhekk, insibu l-mod li nisiltu diversi ħjut ta' esperjenzi umani, fl-ambitu tax-xewqa li għandna għat-tajjeb u għall-verità, biex ninsġuhom fi kwadru koerenti li fih l-aħbar tal-Qawmien tidher bħala s-siġill ta' Alla fuq pjan ta' salvazzjoni u mhux bħala ġrajja stramba jew mhux mistennija. Mill-Iskrittura jien inħossni interpretat u mifhum, l-Iskrittura tgħidli dak li jiena xtaqt u dak li kont

beżgħan minnu, tagħtini l-mod kif nifhem dik l-istennija u din l-aspettattiva. Hija l-mera tal-bniedem li jfittex lil Alla, li jfittex il-verità u s-sens tal-ħajja, li jfittex jaħrab mid-disperazzjoni u mill-biża' li jaħkmuh meta jsib ruħu bla ideali u jintefa f'dawk l-esperjenzi li jtarrxuh jew li jagħtuh pjaċir għal ftit mumenti, imma li malajr jerġgħu jitfgħuh fil-vojt. L-Iskrittura turi lill-bniedem lilu nnifsu, ix-xewqat tiegħu, id-destin tiegħu, u tgħinu jifhem kif il-predikazzjoni tal-Irxoxt hija tabilħaqq is-siġill ta' Alla fuq dak kollu li seħħ fl-istorja tas-salvazzjoni tad-dinja.

CARLO MARIA MARTINI, *L'evangelizzatore in San Luca*, Editrice Àncora Milano 1980, 153-154.